# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru 2001**

**Citaz. numru: 2666/99 M1 NA**

**Larry James Conti**

**vs**

1. **Alexandra Schembri legalment separata minn George Magro**
2. **U l-istess George Magro;**
3. **Dr. John Cremona u P.L. Paul Saliba bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-interessi tal-minuri Lisa, Maureen Gina Magro;**
4. **Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fid-9 ta' Dicembru 1999 fejn ippremetta:

"Illi l-konvenuta Alexandra Schembri u l-konvenut George Magro waqt illi kienu ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni personali kien ilhom ghal diversi xhur ma jghammru flimkien stante li kienu allontanaw ruhhom minn xulxin;

Illi waqt li kienu ghaddejjin dawn il-proceduri ta' separazzjoni personali bejn il-konvenuta Schembri w il-konvenut Magro, l-attur kellu relazzjoni intima mal-konvenuta Schembri;

Illi nhar id-9 ta' Novembru 1998 fl-Isptar San Luqa l-konvenuta Schembri wildet tifla Lisa, liema tifla giet registrata fl-Att tat-Twelid relattiv (hawn anness u markat bhala dokument ittra "A") bhala bint il-konvenut George Magro, li kien legalment separat minn mal-konvenuta Alexandra Schembri;

Illi l-konvenuta stqarret ripetutament ma' l-attur illi minkejja tali dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid relattiv, il-minuri Lisa hija fil-fatt bint l-attur;

TALAB ghalhekk li din il-Qorti:-

1. prevja kull procedura li tista' tigi ordnata minn din il-Qorti ghall-finijiet ta' accertazzjoni xjentifika ta' paternita' tiddikjara u tiddeciedi illi l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri Lisa kif fuq premess;

2. tordna illi l-Att tat-Twelid relattiv numru 1675 ta' l-1998 jigi korrett fis-sens illi jigu mnehhija mill-kolonni rigwardanti "taghrif dwar missier it-tarbija" (isem, kunjom, professjoni, sengha jew stat iehor, eta', konnotati dwar fejn twieled u joqghod kif ukoll isem u kunjom il-missier, jekk hux haj jew mejjet) tal-konvenut George Magro, b'mod illi t-tarbija Lisa tigi dikjarata bhala bint l-attur Larry James Conti, impjegat fl-Istamperija tal-Gvern, ta' 30 sena, imwieled f'Kent, Renju Unit, u residenti Paola, iben Vincent Conti billi jigi ordnat il-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li jaghmel dawn il-korrezzjonijiet u annotazzjonijiet.

Bl-ispejjez kollha kontra l-atturi li huma minn issa ingunti in subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu, il-lista tax-xhieda w id-dokument minnu esebit.

Rat il-proceduri li wasslu ghan-nomina ta' l-Avukat Dottor John Cremona u l-Prokuratur Legali Paul Saliba bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-interess tal-minuri u dana b'digriet ta' dina l-Qorti, diversament presjeduta, tal-10 ta' Jannar 2000.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' l-istess kuraturi tas-7 ta' April 2000 fejn eccepew:

1. “Illi l-attur irid jipprova illi fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-minuri, George Magro kien fl-impossibbilita' fizika li jghammar ma' martu, Alexandra Schembri, minhabba li kien boghod minnha a tenur ta' l-Artikolu 77 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi, fi kwalunkwe kaz, trid issir mill-attur l-aqwa prova li hi dik ta' l-ezami genetika tad-DNA u dan fl-interessi tal-minuri;

3. Illi l-eccipjenti mhumiex edotti mill-fatti tal-kawza u jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri,

osservazzjonijiet responsivi u sottomissjonijiet ohrajn fi stadju ulterjuri;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom u l-lista tax-xhieda.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku tal-11 ta' April 2000 fejn eccepixxa illi:

1. "Fil-meritu illi f'dan l-istadju huwa mhux edott mill-fatti allgati fic-citazzjoni;

2. Illi bla prgudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici jistghu jintlaqghu biss jekk dawn jinkwadraw ruhhom fi hdan il-provvedimenti tal-Kodici Civili;

3. Illi inoltre u bla pregudizzju ghas-suespost, ghas-success ta' l-azzjoni odjerna tinhtieg il-prova ta' l-impossibbilita' fizika ta' koabitazzjoni bejn il-konjugi Alexandra Schembri u George Magro fil-perjodu tal-probabbli koncepiment tat-tarbija;

4. Illi bla pregudizzju, ghall-finijiet ta' dettalji li jigu nseriti fl-atti tat-twelid, l-attur ghandu jindika jekk missieru huwiex haj jew mejjet, kif ukoll ghandu jitlob il-kancellament tal-kliem "the said" mill-kolonna li tirreferi ghal-partikolaritajiet ta' l-omm, oltre l-fatt li f'kaz li t-talbiet attrici jigu akkolti, Larry James Conti ghandu jigi ndikat bhala "missier illegittimu";

5. Illi in vista tal-fatt li c-cirkostanzi li taw lok ghal talba ghal korrezzjoni fl-att tat-twelid mertu tal-kawza odjerna huma ghal kollox estranei ghall-esponent, huwa m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti;

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu w il-lista tax-xhieda.

Il-konvenut George Magro ma ghamilx eccezzjonijiet skond il-ligi pero' pprezenta nota b'dokument u bil-gurament tieghu fit-12 ta' April 2000 fejn bazikament jikkonferma l-premessi citattivi w id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur. Il-konvenuta l-ohra Alexandra Schembri, debitamen notifikata, ma ghamlitx

nota ta' l-eccezzjonijiet minkejja illi, kif jinghad aktar 'il quddiem, xehdet quddiem l-Assistenta Gudizzjarja.

Fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2000 il-Qorti nnominat lill-Assistenta Gudizzjarja Dottoressa Monica Borg Galea biex tigbor il-provi. Hija zammet seduti fl-24 ta' Lulju 2000 fejn xehed l-attur, u fil-5 ta' Settembru 2000 fejn xehdet il-konvenuta Schembri prodotta mill-istess attur. Fis-seduta quddiem il-Qorti tat-12 ta' Frar 2001 wara li kien inghata differiment fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2000, deher l-attur assistit u d-difensur tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li ddikjaraw li ma kellhomx aktar provi. Il-partijiet l-ohra ma dehrux u l-kawza thalliet ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi mressqa jirrizulta illi l-konvenuti Magro u Schembri kienu sseparaw legalment fl-4 ta' Awissu 1998 (ara a fol. 26 tal-process kopja tal-kuntratt nutarili relattiv) filwaqt illi kienu ilhom *de facto* separati sa minn Dicembru tal-1997. Skond l-attrici: "*Meta gie ppublikat dan il-kuntratt jien kien ilni ma nghix ma' zewgi minn Dicembru tal-1997, u f'dak iz-zmien*

*kont tlaqt u mort nghix mal-mama' tieghi fejn ghadni nghix sal-lum.*" U aktar tard fl-istess xhieda: "*Pero' minn Dicembru tal-1997, id-data ta' meta jiena tlaqt mid-dar konjugali, jiena lanqas biss kont inkellmu lil zewgi, ma kontx nabita mieghu, ma kelli l-ebda tip ta' relazzjoni intima mieghu. L-unici drabi li konnha niltaqghu kien biss fil-Qorti.*" Dan huwa kkonfermat bil-gurament mill-konvenut Magro fin-nota fuq imsemmija fejn ighid illi t-tqala ta' martu w it-twelid tat-tarbija in kwistjoni gew mohbija minnu. It-tarbija twieldet f'Novembru tal-1998 sena wara li l-koppja kienet separata *de facto*. Jirrizulta mill-provi illi din it-tarbija twieldet mir-relazzjoni li kellha l-konvenuta Schembri ma' l-attur li, f'xi zmien, kienet tohrog mieghu qabel ma zzewget mal-konvenut Magro.

Ikkunsidrat:-

Din il-Qorti f'diversi sentenzi minnha moghtija (ara fost ohrajn "Giusti noe vs Giusti et" - 16/2/01; "Sayess vs Xuereb noe et" - 21/3/97; u "Bartolo noe vs Fava et" - 30/1/98) stabbilit il-principju illi l-kuncetti ta' "*boghod*" u "*impossibbilita' fizika*" ghandhom jinghataw dik l-interpretazzjoni li ghandha twassal ghad-dritt tat-tarbija li jkollha l-istat civili tal-paternita' taghha reali meta jirrizulta illi fil-perjodu msemmi fl-Artikolu 77 tal-

Kodici Civili jkun jirrizulta mill-provi illi koppja mizzewga tkun separata, legalment jew *de facto*, u illi f'dan il-perjodu ma kienx hemm ir-realta' jew anke l-possibbilita' ta' kuntatt intimu bejn dik il-koppja.  Di piu' minkejja li l-ammissjoni ta' l-omm wahedha ma hijiex sufficjenti bhala prova (Artikolu 70 (2) tal-Kodici Civili) f'materja ta' din in-natura mehuda ma' provi ohra ghandha zgur ir-rilevanza taghha.

Fir-rigward tar-raba' eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jirrizulta mill-provi illi missier l-attur ghadu haj.  Dan apparti, din l-eccezzjoni qieghdha tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet ta' fatt u tad-dritt din il-kawza hija deciza billi l-Qorti, dejjem soggett ghar-raba' eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri Lisa msemmija fl-att tac-citazzjoni;

2. tordna illi l-Att tat-Twelid relattiv numru 1675 ta' l-1998 jigi korrett mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, soggett ta' dak li minnu jinghad fir-raba' eccezzjoni, fis-sens illi jigu mnehhija mill-kolonni rigwardanti "taghrif dwar missier it-tarbija" (isem,

kunjom, professjoni, sengha jew stat iehor, eta', konnotati dwar fejn twieled u joqghod kif ukoll isem u kunjom il-missier, jekk hux haj jew mejjet) tal-konvenut George Magro, b'mod illi t-tarbija Lisa tigi dikjarata bhala bint l-attur Larry James Conti, impjegat fl-Istamperija tal-Gvern, ta' 30 sena, imwieled f'Kent, Renju Unit, u residenti Paola, iben il-haj Vincent Conti.

L-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu nofs bin-nofs mill-attur u l-konvenuta Schembri peress illi l-konvenuti l-ohra ma ghandhom ihallsu xejn mill-ispejjes ta' din il-kawza.

Finalment kopja ta' din is-sentenza ghandha tintbaghat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku mir-Registratur ta' dawn il-Qrati kif stipulat fil-ligi.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.